**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 61/07**
Il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2017 fi 6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:30* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *Irtira fi 20:30* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

62.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
62.2 Rapporti;
62.3 Performance Bonus għas-sena 2016 :
- *Segretarju Eżekuttiv*
- *Uffiċċjal Eżekuttiv*
- *Assistent Skrivan Nru. 1*
- *Assistent Skrivan Nru. 2*
- *Assistent Skrivan Nru. 3*

62.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
62.5 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
62.7 Mozzjonijiet; u
62.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa. Is-Sindku avża li din il-laqgħa kienet qed issir bi tkomplija għal-laqgħa numru 61/2017 tas-27 ta' Jannar 2017.**

- Hawnhekk is-Sindku talab sospensjoni tal-Agenda għaliex kellu xi kjarifiki dwar il-laqgħa preċendenti fejn indirizza lill-Kunsillier Bonavia dwar dan u talbu sabiex jew jissusstanza jew jirtira li kien qal. Il-Kunsillier Bonavia wieġbu li hu qatt ma kien għamel akkużi imma kien staqsa biss. Talab lis-Sindku jgħidlu x'akkużi kien għamel sabiex b'hekk hu kien setgħa jwieġbu.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsillier Bonavia li dwar il-kwistjoni tat-Toroq u l-Kuntrattur Vella Group kien jaf tajjeb li, għalkemm il-Kunsill kollu unanimament kien qabel li parti mill-flus dovuti lil dan il-Kuntrattur ma kellhomx jitħallsu, dawn il-flus xorta waħda qatt ma setgħu jintmessu u jintużaw għal proġetti oħra għaliex il-kwistjoni kienet għadha m'hix riżolta. Il-Kunsillier Bonavia wieġbu li hu f'dan ir-rigward kien qed jistaqsi biss u ma kienx għamel akkużi. Is-Sindku wieġbu li kien ċar miegħu hu kellu jiċċara akkużi jew kummenti oħra li kien għadda fil-laqgħa preċedenti.

- Is-Sindku talab lill-Kunsillier Bonavia jippreċiża x'kienet il-kwistjoni dwar tal-WEEE. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li hu kien issuġġerixxa biex naraw tal-ħwienet jaqblux li nħallu *bin* biex min jixtri bozza jarmi l-qadima f'konteniturì apposta. Is-Sindku fakkar lill-Kunsillier Bonavia li l-Kunsill l-anqas kellu lista aġġornata tal-ħwienet fir-raħal u dan għaliex bħalma jaf u kien rraporta huwa stess id-dettalji qatt ma ngħatawlna. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia staqsa jekk nistgħux nerġaw niktbu lit-Trade biex naraw jagħtuniex dawn id-dettalji. Is-Sindku wieġbu biex fil-każ jeħodha f'idejgħ u jara fejn jista' jasal. Is-Sindku żied jgħid li saħansitra kien qed ikollna diffikulta anke ħabba l-kotba fejn jiġu rreġistrati d-dettalji qabel mal-Kuntrattur tagħna jmur jarmi fiċ-Ċentri apposta, u dan għaliex ma kienux qed jagħtuna biżżejjed u qal ukoll li hu anke kien kellem lil xi ħadd mingħand tal-ERA biex bħala kotba jagħtuna iktar. Il-Kunsillier Bonavia qallu li billi kien għadda kumment ma jfissirx li b'daqshekk kien ġara xi ħaġa. Lawrence Bonavia qal li setgħu anke saħansitra marru l-ħaddiema fuq barra. Is-Sindku wieġbu li ġa għandna problemi fuq ħaddiema ta' barra hekk kif inhuma aħseb u ara jekk nibgħatuhom jispezzjonaw il-*bins*.

- Is-Sindku spjega li dan l-aħħar kellu jidħol il-ground ma xi nies u sab li l-grawnd kien mimli skart u weraq filwaqt li fid-Dressing Rooms kien hemm biċċiet tal-wire mal-art u anke x-showers kienu maħmuġin. Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li saħansitra kien qed ikollna problema ħabba li xi ħadd mir-Rainbows kien ta' kull darba qed ibiddel il-katnazz mingħajr ma lilna jgħidulna u minħabba f'hekk aħna ma kienx qed ikollna aċċess għall-ground. Is-Sindku qal li dan l-aġir ma kienx tollerabbli. Fakkar li l-grawnd kien 50% tal-Kunsill u 50% ta' Cassar Ship Repair. U għaldaqstant ma kienx sewwa li l-Kunsill kien qed jerfa' l-ispejjeż kollha filwaqt li r-Rainbows jagħmlu użu minn grawnd li suppost wara kollox ma setgħax jintuża. Il-Kunsillier Bonavia spjega li s-Sur Tony Cassar kellu jitkellem għalih u mhux f'isem ir-Rainbows u li pero bħala Rainbows xi ġimgħa qabel kienu avviċinawh dwar dan u hu qalilhom biex jkellmu lis-Seg. Eżek. Is-Seg. Eżek. qalet li ħadd mir-Rainbows ma kien kellimha u saħansitra l-katnazz inbidel tlett darbiet bl-aħħar darba tkun ftit jiem qabel il-laqgħa. Żiedet tispjega is-Seg. Eżek li sadanittant kien ikkuntatjaha s-Segretarju tal-Każin tar-Rainbows fejn talabha jekk il-Kunsill setax jagħti ċavetta lill-Rainbows biex ikunu jistgħu jidħlu. Is-Seg. żiedet tgħid li kopja taċ-ċavetta ngħatat u din il-persuna li ġiet iffirmat għaliha. Il-Kunsillier Bonavia qal li kien ser jerġa jkellimhom lura. Is-Sindku qallu li ma kienx hemm il-bżonn għaliex kien ser jitlob li ssir laqgħa Uffiċċjali mal-President u s-Segretarju flimkien miegħu u mas-Seg. Eżek.

***Hawnhekk tkompliet l-Agenda kif skedat.***

**62.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

i Is-Sindku qal lill-Kunsillier Bonavia li fl-aħħar laqgħa kienu qablu li hu kellu jgħaddilu d-dettalji tal-garaxxijiet imbagħad hu kellu jmur jiċċekkja. Il-Kunsillier Bonavia wieġbu li hu kien diġa ammetta fil-laqgħa preċedenti li kien qabel mal-Minuti kif miktuba għalkemm ma kienx qrahom, pero kien ikkonferma wkoll li garaxxijiet kulħadd kien jaf liema huma għaliex kien issemma store, kienet issemmiet niżla u kienu issemmew il-kaxxi u linji sofor. Allura thenna s-Sur Bonavia li ma kellux għalfejn jġib dettalji għax kulħadd kien jafhom. Hawnhekk is-Sindku qallu li ma jarax għalfejn din is-sitwazzjoni kellha tikber daqstant u jingħadu ċerta kummenti. Kulħadd jaf li meta jidħol ilment il-Kunsill nagħmlu mill-aħjar biex tittieħed azzjoni immedjata u ma ssir ebda distinzjoni min jiġi jew min jagħmel il-*claim*. Il-Kunsillier Bonavia wieġeb li hu qatt ma kien qal hekk imma li kien qal kien li huma kienu ħamsa preżenti u jekk jiġi xi ħadd minnhom kif ukoll mit-tnejn li ma kienux preżenti kellu jitqies kulħadd xorta. Is-Sindku wieġbu li kellu jserraħ moħħu li hemm ġew kulħadd kien meqjus xorta u suppost hu kien jafu dan għaliex jaf kif dejjem mexa magħhom. Il-Kunsillier Bonavia wieġeb li hu kien qal li jiġi min jiġi bi *claim* kellu jingħata l-importanza xorta u mhux għax imorru għand persuna u

Marki quddiem garaxxijiet fi Triq Dun Karm Sant

mhux oħra dan ma jsirx. IsSeg. Eżek. weġbitu li dan mhux id-diskors li qal dakinhar u tant hu hekk li hu kien qal li mhux sewwa li jekk persuna tgħid lil ċerta Kunsillier tinqeda mill-ewwel filwaqt li jekk persuna tkellem lill-Kunsillier ieħor din iddum xahrejn. Il-Kunsiller Bonavia ammetta li veru kien qal dawk il-kliem. Is-Seg. Eżek. staqsietu allura jekk kienx jaf b'xi ħadd li ġie biex jagħmel *claim* u nqeda wara xahrejn? Żiedet tgħidlu li ladarba fil-Minuti kienu ġew maqbula kif dedotti, u ladarba kien ammetta li kien approva l-Minuti mingħajr ma qrahom, kien kostrett li jimxi magħhom. Is-Seg. Eżek staqsietu kienx jaf li l-linji sofor kienu diġa eżistenti, għaliex kulma kien sar kien li minflok il-linji intermittenti kienet saret kaxxa sħiħa u żdiedu biss linji weqfin biex jidentifikaw u jaqsmu d-distanza għal kul garaxx. Il-Kunsillier Bonavia qal li kienu proprju dawn il-linji weqfin li ħolqu problemi. Is-Seg. Eżek. weġbitu li l-problemi nqalgħu minħabba n-nuqqas ta' rispett bejn is-sidien għaliex kien qed isir ipparkjar quddiem il-garaxxijiet ta' xulxin. Żiedet tgħid li safrattant kienu tlieta minn erbħga sidien li kienu ċemplu jew bgħatu jirringrazzjaw lill-Kunsill talli ttieħdet azzjoni. Fil-waqt li mingħand sid wieħed biss ma konna smajna xejn. Il-Kunsillier Bonavia wieġeb li kienet dik is-sid li kienet kelmitu. Għaliex kienet persuna tas-sess femminili li kienet kelmitu u mhux maskil kif kienet qed tirreferi għalih is-Seg. Eżek. Is-Seg. Eżek. weġbitu li kienet qed tirreferi għal persuna u mhux għal raġel jew mara in partikolari ladarba d-dettlaji qatt ma kienu waslu għandha. Is-Sindku staqsieh biex jispjega ċar x'kienet il-problema . Il-Kunsillier Bonavia qal l-problema kienet li min meta saru l-linji min jiġi biex joħroġ mill-garaxx mhux ikollu viżwal tajba minħabba l-karozzi pparkjati u għaldaqstant din il-persuna kienet qed titlob sabiex jitneħħew. Is-Sindku qallu li allura xogħlu kien li jkellem lil din il-persuna u jgħidilha tiktbilna uffiċċjalment u tgħidilna eżatt xi trid għaliex f'dan l-istadju l-Kunsill kellu tlett sidien li riedu l-linji u sid ieħor li ma ridhomx. U allura f'dan il-każ kellha tkun l-Awtorita' tat-TM li tiddeċiedi. Il-Kunsillier Bonavia aċċetta li jkellem lil din il-persuna u jgħidilha tikteb uffiċċjalment sabiex il-Kunsill ikun jista' jressaq l-ilment lit-TM għal kunsiderazzjoni tagħhom.

*Il-Kunsillier Dalli wasal fi 6.30pm*

ii. Is-Sindku staqsa lill-preżenti jekk jiftakrux xi ħaġa oħra li ġrat fil-laqgħa preċedenti u li xtaqu li tiġi diskussa. Hawnhekk il-Viċi Sindku Darmanin talab biex jitkellem.

ii.i Il-Viċi Sindku semma l-fatt ta' kif ntemmet il-laqgħa preċedenti fejn hu pprova jwaqqaf lill-Kunsillier Bonavia għal tal-inqas tlett darbiet u dan baqa' ma waqafx. Wara kollox hu kien ser jipproponi l-istess ħaġa li ġiet deċiża f'din il-laqgħa mis-Sindku. Is-Sindku rrimarka li ma jistax jifhem għaliex is-sitwazzjoni ddeġenerat daqshekk. Is-Sindku qal li kulħadd għandu jifhem li huma lkoll qegħdin hemm għall-interess taċ-ċittadini u xejn iktar. Hawnhekk il-Kunsillier Bonavia skuża ruħu lejn kulħadd.

## 62.2 Rapporti

Ma kienx hemm rapporti x'jgħaddu f'din il-laqgħa.

## 62.3 Performance Bonus għas-sena 2016 :

i. Is-Sindku ssuġġerixxa li rati jkunu :-

- *Segretarju Eżekuttiv – 10%*
- *Uffiċċjal Eżekuttiv – 6%*
- *Assistent Skrivan Nru. 1 - 5 %*
- *Assistent Skrivan Nru. 2 – 5%*
- *Assistent Skrivan Nru. 3 - 4%*

i.i Dwar dan il-Kunsilliera Doris Vella semmiet li tul is-sena li għaddiet l-Assistenti Skrivani għal tal-inqas erba' darbiet ma bgħatux l-Agenda lill-membri tas-Sotto Kumitat tagħha. U għaldaqstant issuġġeriet li l-Assistenti Skrivani kollha jieħdu 4% minflok kif propost mis-Sindku.

i.ii Hawnhekk saret diskussjoni u s-Sindku talab għall-votazzjoni.

i.iii Il-Kunsillieri favur li l-Assistenti Skrivani jieħdu kollha 4% kienu Doris Vella, Luke Genuis u Ismael Dalli.

Filwaqt li l-Kunsillieri favur li l-Assistenti Skrivani 1 u 2 jieħdu 5% u Assistent Skrivan 3 jieħu 4% kienu Viċi Sindku Keith Darmanin, Kunsilliera Frans Agius u Lawrence Bonavia. Is-Sindku vvota bil-casting vote u vvota favur li l-Assistenti Skrivani 1 u 2 jieħdu 5% u Assistent Skrivan 3 jieħu 4%

i.iv Għaldaqstant ir-rati tal-Performance Bonus lill-Impjegati għadda :-

- *Segretarju Eżekuttiv – 10%*
- *Uffiċċjal Eżekuttiv – 6%*
- *Assistent Skrivan Nru. 1 - 5 %*
- *Assistent Skrivan Nru. 2 – 5%*
- *Assistent Skrivan Nru. 3 - 4%*

i.v Is-Seg. Eżek. irringrazzjat lill-Kunsill f'isimha u f'isem l-impjegati.

**62.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġew mressqa żewġ Skedi ta' Pagamenti waħda li tkopri l-ispejjeż li saru f'Diċembru 2016 u l-oħra tal-ispejjeż ta' Jannar 2017. Dawn iż-żewġ Skedi ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**62.5 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sinjali tal-art fit-toroq B'bugia u Palma kienu ser isiru mill-Kunsill. Dan kien għaliex, kompla jispega s-Sindku, hu kien laħaq ftehim mat-TM li peress li TM kienet ser tagħmel il-wiċċ mill-ġdid ta' Triq Luqa wkoll, il-Kunsill kellu imbagħad jieħu ħsieb l-linji u s-sinjali tal-art. Sinjali tal-Art Wicc mill-ġdid Triq Ħal Luqa

i.i Il-Kunsillier Agius qal u s-Sindku kkonferma li s-Sindku ta' Paola kien kiteb kumment fuq il-paġna ta' FACEBOOK fejn kif kiteb kien qisu li Triq Ħal Luqa kienet ser issir grazzi għalih. Żiedu jgħidu li dan mhux minnu għaliex il-Kunsill tagħna ta' Ħal Tarxien ilu snin jitlob lit-TM biex din it-triq issir minnhom minħabba l-ħsara konsiderevoli li kellha.

ii. Rigward it-talbiet mit-TM għal :- Reserved Parking

- Reserved Parking fit-toroq Sammat u Madonna tar-Rużarju;
- Kif ukoll għal tneħħija ta' Reserved Parking fi Triq Paola;

ma kienx hemm oġġezzjonijiet min-naħa tal-Kunsill Lokali.

iii. Il-Kunsill kien infurmat li d-DLG approvat li mal-Kunsill ikun assenjat persuna b'dizabilita bħala part-timer. Il-persuna magħzula mhux ser tkun imħallsa mill-Kunsill Lokali. DLG approvat li mal-Kunsill ikun assenjat persuna b'dizabilita bħala part-timer

iii.i Is-Sindku nforma li f'dan ir-rigward għad irridu nagħmlu l-interviews.

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ex Kunsillier kien talab li jieħu ritratt tal-irħama li hemm fir-Reception Area tal-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsillier Dalli ssekonda li nitolbuh li jgħidilna x'ha jagħmel bih. Il-Kunsill qabel unanimament. Ritratt tal-Irħama minn Ex kunsillier

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħattna CV's lill-iStreet Naming Committee hekk kif konna ġejna mitluba minnhom biex nagħmlu. Dawn iż-żewġ CV's kienu dwar VINCENT BATTISTINO – RIĊERKATUR STORIKU, u l-ieħor IT-TABIB KARL Ismijiet ta' Toroq

CHIRCOP – MEMBRU PARLAMENTARI.

vi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet ġedded il-polza ta' assikurazzjoni għall-perjodu li l-valura ma jaqbisx dak ta' *direct order*. Polza ta' Assikurazzjoni

vii. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand il-Kumitat tal-Festa biex bejn 19 u 29 Mejju ma jinħarġux permessi għall-vetturi kbar. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsillier Dalli qal li jħoss li hawn min jippretendi li nibdew induru mal-festa. Il-Kunsillier Agius qal li huwa minnu li nippruvaw nikkordinaw ma kulħadd imma imbagħad irridu nkunu prattiċi. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa l-Awtorita' u mhux bil-maqlub. Il-Kunsillier Bonavia qal li kellu d-dubbji kemm setgħat issir mas-servizz tal-linja. Il-Kunsillier Dalli qal li saħansitra s-sena l-oħra n-nies garrew għax il-karti tal-festa damu ġurnata quddiemhom aħseb u ara ma jidħlux vetturi. Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Viċi Sindku ssekonda li din ir-rikjesta ma kenitx possibli. Kien hemm qbil unanimu. Ittra Kumitat Festa 19-29 ma jinħarġux permessi

viii. Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li kienet waslet ittra oħra mingħand il-Kumitat tal-Festa sabiex il-Kunsill joħroġ in-*no objection* biex isiru l-marċi u sabiex waqt il-ġranet tal-marci, li jkunu bejn wieħed u ieħor ħamest ijiem qabel il-festa, ma jsirux permessi. Il-Kunsill qabel unanimament. Ittra Kumitat Festa *no objection* biex isiru l-marċi

ix. Il-Kunsilliera Vella rrapurtat li l-iscammel kien qed joħroġ wrong way minn Triq is-Sorijiet. Ser niktbu lill-LESA biex isir montoraġġ. Wrong Way - Scammel

x. Il-Kunsilliera Vella rrapurtat li Triq it-Tempji Neolitiċi fejn daħla tat-Tempji kien qed iżomm l-ilma u saħansitra kien qed itir mal-faċċata u l-ħajt kien ħdar. Faċċata tat-Tempji

xi. Is-Sindku rrapporta li sa dakinhar fil-għodu stess kien reġa pprova jkellem lill-Perit. Żied jgħid is-Sindku li konna qed nirriskjaw li nitilfu fondi għax issa anke NGO's setgħu japplikaw għall-fondi. L-aħħar li kellmu kien ukoll saqsieh fuq din l-iskema ta' Rrestawrha l-Faccata u Irrestawra Darek u hu kien aċċetta pero min dakinhar il-quddiem ma sema xejn iktar minnu Perit tal-Kunsill

xi.i Il-Kunsillier Genuis ssuggerixxa u l-Kunsillier Dalli ssekonda li niktbulu u nagħtuh cut off date sa jumejn qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss li f'dan il-każ kien sa nhar it-18 ta' Frar 2017. Il-Kunsill qabel unanimament.

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo lest. Issa il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ser jagħtuha daqxjen żejt tal-kittien u tindifa sewwa bil-power wash. Sadanittant informa lill-Kunsill li hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħa huwa kien deher il-Qorti bħala xhud wara l-att vandaliku li kien seħħ. Huwa rrapporta li l-imputati kienu weħlu sena probation u €450 multa kull wieħed. **Gazebo – Ġnien Veliko Turnovo**

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar is-serq tal-bust fi Ġnien Mark Farrugia, huwa kien deher il-Qorti pero kienet għad ma ngħatatx sentenza peress li d-difiża kienet talbet xi xhieda oħra. Sadanittant s-Sindku qal li l-bust kien ġie rritornat lill-Kunsill u kien ser jitnaddaf u kien ser jipprova jkellem lill-ħaddied biex isir fuq 4 pinnijiet u iktar twal. **Bust – Mark Farrugia**

**62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

*i. Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i.i Is-Sur Agius qal li hemm proposta li din l-attivita' ssir nhar l-1 ta' Ottubru 2017 pero alissa għad m'għandux iktar dettalji. ċelebrazzjonijiet tal-450 sena parroċċa

*ii. Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

ii.i Il-Kunsillier Dalli qal li kien ser jikkuntattja lill-Operatur sabiex jpoġġi il-bin tal-ħwejjeġ Bin biex jintremew it-

ta’ Triq il-Ħaġar fejn il-Bring In Sites. tessuti

ii.ii. Is-Sindku qal li meta kien imsiefer u kellu seminar fuq circular economy fuq xogħol tal-AKL kien semma’ li fir-Raħal konna qed nużaw dan is-servizz u lill-parteċipanti l-oħra għoġbithom u ser jippruvaw jimplimentawha

iv.iv Il-Kunsillier Dalli qal li għad m’għandux risposta dwar il-permess li hemm bżonn sabiex jipprova jpoġġi kaxxi fl-ispizeriji tar-raħal biex jintremew xi mediċini mhux tajbin. kaxxi fl-ispizeriji tar-raħal biex jintremew mediċini

*Il-Kunsillier Genuis talab biex ikun skużat fi 20:30*

iii. *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

iii.i Il-Kunsilliera Vella ppreżentat rendikonti dwar il-ħarġa ta’ Dicembru kif ukoll dwar l-attivta’ tat-tfal.

**62.7 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta’ din il-laqgħa.

**62.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:45hrs

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar il-Tlieta 21 Frar 2017 fis-5.00pm

Iffirmat

_________________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

Iffirmat

_________________________

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**